# GĦAQDA ĦBIEB KAPPELLI MALTIN

Ħbieb il-Kappelli Maltin

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

**Kumitat 2020**

**President**

Adrian Schinas

**Viċi-President**

Valent Xuereb

**Segretarju**

Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**

Norbert Gingell

**Teżorier**

Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**

Angele Xuereb

**Attivitajiet li l-Kumitat qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** (*jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi*:)

## April

- Kappelli fil-lokalita' San Ġwann _ POSPOSTA

## Mejju

- Kappelli f'Għawdex_ POSPOSTA

## Ġunju

- Kappelli fil-lokalita' tan-Naxxar_ POSPOSTA

April 2020 Ħarġa Nru 3

## MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Għeżież Membri u Ħbieb tal-Għaqda,

Nixtieq nieħu din l-opportunita biex ngħaddi l-awguri lilkhom permezz ta' dan il-fuljett tax-xaħar t'April, ippreparat mill-Kumitat, li fih informazzjoni fuq xi kappelli.

Il-Kappelel kienu mibnija għat-talb. Hemm minnhom li żorna, li kienu mibnija bħala ringrazzjament (ex-voto) għal xi ħlas minn xi mard, eċċ.

Bħalissa għandna bżonn ħafna talb u grazzi f'dan iż-żmien tal-pandemija tal– corona virus.

Mela sa kemm nistgħu niltaqgħu, f'ismi u f'isem il-membri tal-Kumitat, nixtieqilkom l-Għid it-Tajjeb fi djarkhom.

Adrian Schinas
President

## L-GĦID IT-TAJJEB LIL KULĦADD




**Kristu Rxoxt**
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Santa Rita (Agostinjani) - San Ġiljan*

# KAPPELEL F’ DAR SAURA, RABAT



Dar Saura, dar għal Anzjani, fir-Rabat



SAN NIKOLA



MADONNA TAR-RUŻARJU

Fl’1654 it-tabib Nicola Saura ħalla il - ġid tiegħu u ta’ bintu sabiex jinbena sptar ġdid f’Malta. Lorenzo Gafa’ intgħażel bħala l-arkitett.

Dan ġie mibni fl-1667 u huwa msemmi għall-fundatur. Ta’ interess partikolari huwa l-fatt li f’dan il-bini hemm żewġ kappelel, dedikati lil

(i) **SAN NIKOLA**, fejn l-irġiel biss setgħu jidħlu u jużaw, u dik lil

(ii) **MADONNA TAR-RUŻARJU**, fejn in-nisa residenti biss setgħu jgħamlu għużu minnha.

Fl’1667 Rev M Azzopardi u nies oħra offrew xi fondi sabiex din id-dar tkun komda u taħdem sew. Intant din id-dar bdiet titmexxa mis-Sorijiet tal-Karita’.

L-Arcisqof Molina, fl-1680, sottomissjona regolamenti sabiex dan l-ospizju jkompli jopera u jiffunzjona.

Kien hemm żvilupp fis-sena 1762 fejn il-kmarar kienu imtlew b’saċerdoti Żebbuġin kif ukoll dawk li kienu servew fil-Knisja ta’ San Pawl tar-Rabat u fil-Katidral tal-Imdina. Madankollu maż-żmien, x’aktarx mis-sena 1798 diversi sodod ġew reservati u okkupati minn bosta rġiel u nisa li setgħu iħallsu.

Sas-sena 1975 l-Ospizju kompla normali iżda sodod kien hemm biss 36 għal persuni ndividwali. Is-Sorijiet tal-Karita’ baqgħu imexxu dan l-Ospizju sal-2002. Sa dak iż-żmien in-numru ta’ residenti kien telgħa għal 65 resident.

Iżda fis-sena 2002, l-Arċidjocesi ta’ Malta ħadet f’idejha t-tmexxija diretta ta’ dan l-Ospizju. Fl-inħawi tal-ospizju għex Mro Beningno Zerafa u għal xi żmien kien anke residenti f’din id-dar . Fl-okkażjoni tal-200 sena tal-mewt ta’ Mro Zerafa, twaħħlet lapida mal-faċċata

Sal-lum, 2020, din id-dar hija residenzjali għall-persuni anzjani u għada tiġi mmexxija mill-Knisja Maltija.



*Ritratti : N Gingell*

# IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' MANRESA FIL-KURJA

Bħalissa din il-Kappella fil-Kurja tal-Isqof qed tkun prominenti minħabba li qed tkun fuq it-televizzjoni minħabba li qed ikun hemm is-servizz tal-quddiesa kuljum u r-Rużarju. Għalhekk ħassejt li jkun xieraq li nkunu nafu aktar dwar l-istorja ta' din il-Kappella.

Palazzo Manresa, kif kien magħruf meta nbena l-post, u illum iservi bħala s-sede amministrattiva tal-Kurja tal-Isqof ta' Malta, ġie mibni minn Fra Francesco Rosignoli, Ġiżwita, bħala dar għal irtiri. Fra Rosignoli kien l-ewwel Rettur ta' din id-dar. Il-post inbena bejn l-1743 u l-1751. L-attraZzjoni prinċipali ta' dan il-post kienet il-kappella dedikata lill-Madonna ta' Manresa, iddisinjata mill-Perit famuż




Taljan tar-Rinaxximent, Carapecchia. Il Grand Prijur ta' Crato, Pietro Infante mill-Portugal, kien responsabbli biex ħareġ il-fondi meħtieġa għal kostruzzjoni tal-kappella.

Il-kappella ġiet iddisinjata f'forma ovali li għal dak iż-żmien kienet unika. Wisq probabbli li Carapecchia kien influwenzat mid-disinn ta' Francesco de Volterra għall-




kappella ta' San Giacomo degli Incurabili f'Ruma. Id-dekorazzjoni u x-xenografija tal-kappella u l-mod kif l-altar maġġur ġie spustjat il-ġewwa jixbaħ ħafna x-xogħol li għamel Cosmas Damian Assam fil-knisja tal-Abbazija ta' Weltenburg, fil-Bavaria, u f'kappelel oħra tas-seklu 18 fir-reġjuni ta' l-Awstrija u l-Bavarja.

Il-kappella għanda ħames altari, kollha bil-pittura, xogħol tal-pittur magħruf Franċiż, Antoine de Favray (1706-1798), li dak iż-żmien kien il-pittur favorit tal-Ordni. Favray beda jaħdem fuq il-pitturi fl-1748. B'dawn il-pitturi, l-artist




xtaq jgħaddi messaġġ ta' kif wieħed għandu jgħix tajjeb u jkollu mewta tajba.

It-titular juri lil San Injazju jikteb l-Erżeċizzji Spiritwali taħt il-ħarsien tal-Madonna. Pittura oħra turi liż-żewġ qaddisin patruni kemm ta' Malta kif ukoll tal-Ordni, San Pawl u San Ġwann il-Battista. Il-ċiklu jkompli bil-mewt ta' San



SAN PAWL U SAN ĠWANN

Ġużepp, li tiffigura b'mod preċiż mewt qaddisa, billi San Ġużepp għandu madwaru lil Ġesu u lil Marija. Pittura oħra turi l-mewt ta' San Franġisk Saverju, li kien wieħed mill-akbar missjunarji tal-Knisja u li kien jgħix fl-istess zmirn ta' San Ignazju. Iċ-ċiklu jispiċċa b' pittura ta' ruħ imtella mill-purgatorju. Fl-aħħar wieħed jara żewġ pitturi ovali ddedekati lil San Injazju, waħda qed iqassam il-ġid tiegħu u l-oħra fuq is-sodda tal-mewt.

Fis-sena 1753 il-Papa Bendittu XIV, fuq talba ta' Fr Rosignoli, kien irregala il-korp sant ta' San Kalċedonju Martri, liema fdalijiet waslu fil-kappella fl-20 ta' Mejju ta' l-istess sena.

*L-informazzjoni t'hawn fuq ġiet meħuda mis-sit:*

http://ms.maltadiocese.org/WEBSITE/2019/INFORMATION/History%20Of%20Dar%20Manresa%20.pdf
















*Ritratti : N Gingell*

# KNISJA jew KAPPELLA ? — l-ewwel parti

*Kitba ta' Fr Reno Muscat*

Kull twemmin reliġjuż għandu dak il-bini jew tal-inqas post li għalih huwa sagru, huwa l-post fejn tiġi eserċitata l-fidi. Hekk insibu li t-tempju kien l-aktar post qaddis għal-Lhud imma mbagħad kellhom, u għad għandhom is-sinagogi. Għall-Insara hemm il-knisja, imma xi drabi nitħawdu meta nsemmu ismijiet differenti għal postijiet fejn isir il-kult Nisrani; knisja, kappella, santwarju, katidral, bażilika, kolleġġjata,oratorju. Dawn huma kollha ismijiet li jirreferu għal xi post fejn fih l-Insara jinġabru biex iqimu lil Alla. Malta ma għandiex id-drawwa li nsejħu xi knisja Duomo bħalma hemm fl-Italja. Jiġri li ħafna drabi nistaqsu meta għandna nsejħu post knisja u meta tkun kappella.

**Ismijiet**

Minkejja li l-ilsien Malti huwa wieħed semitiku madanakollu t-terminoloġija, il-kliem li nużaw fejn tidħol il-Knisja u t-twemmin Nisrani huwa fil-parti l-kbira tiegħu Romanz, ġej mit-Taljan. Dan wieħed malajr jifhmu għaliex l-ilsna Semitiċi aktarx huma marbutin mat-twemmin Musulman filwaqt li l-ilsna Romanzi aktar huma marbutin mal-Kristjaneżmu. Biss noqgħodu attenti għax din hija t-tendenza u mhux ir-regola.

Il-kelma '**Knisja'** aktarx ġejja mill-Grieg **Κυριακή (kyriake)** li ġejja mill-kelma ***κυριακός (kuriakós)*** li tirreferi għal xi ħaġa li hija tal-Mulej. ***Κυριακή*** tfisser ukoll il-jum tal-Ħadd, il-jum tal-Mulej. Din il-kelma inbidlet skont il-post imma ħafna jsostnu li l-għeruq tagħha huma dawk Griegi. Irridu nżommu f'moħħna wkoll li bil-kelma knisja nistgħu nifhmu dik l-għaqda li waqqaf Kristu kif ukoll l-edifiċju fejn isir il-kult. Għal-Latini l-Knisja ta' Kristu kienet ***Ecclesia*** filwaqt li l-post fejn jiltaqgħu kien jissejjaħ ***Domus***, li tfisser dar għax fil-verità l-ewwel Insara ma kellhomx knejjes fejn jiltaqgħu imma kienu jiltaqgħu f'xi sala ta' dar mislufa lilhom minn xi għani. Illum niddistingwu l-Knisja ta' Kristu mill-knisja tal-ġebel billi l-ewwel waħda niktbuha b'K kbira filwaqt li l-oħra tinkiteb b'k żgħira. Anke l-kelma latina kienet ġejja mill-Grieg ***εκκλησια, (eklesia).*** L-influwenza ta' din il-kelma nxterdet sewwa kif inxtered ukoll it-tagħlim Nisrani. Fid-dinja Ġermanika l-kelma saret ***Kirika*** jew ***Kerke***, illum bil-Ġermaniż ***kirche***, bl-Olandiż ***kerk*** u bl-Ingliż ***church***. Fid-dinja Latina l-kelma ***ecclesia*** baqgħet tiddomina u għalhekk insibu li fit-Taljan din il-kelma saret ***chiesa***, fil-Franċiż ***église*** u fl-Ispanjol *iglesia*. Il-Malti nassumi li ħa l-isem mill-Grieg għalkemm fl-Għarbi il-kelma għal knisja hija (كنيسة, ***kenisa*)**. Hu x'inhu l-għeruq kollha qegħdin fl-ilsien Grieg.

Knisja wkoll hija kull bini li jservi ta' post ta' kult ċentrali għall-parroċċa. Kull parroċċa għandha l-knisja parrokkjali li fiha jsiru l-magħmudijiet u għalhekk ikollha l-fonti batteżimali, iż-żwiġijiet u l-funerali minbarra s-sagramenti l-oħra kollha. Magħmudijiet jistgħu jsiru barra mill-knisja parrokkjali nhar Sibt il-Għid, iżda tiġijiet jistgħu jsiru fi knejjes oħra fil-parroċċa li jkunu sagramentali, jiġifieri jkollhom pemess li fihom jiġi ċċelebrat is-sagrament taż-żwieġ. Funerali aktarx isiru fil-knejjes parrokkjali iżda ġieli jkun hemm każi fejn ma jsirx hekk. Il-Griżma tal-Isqof normalment issir fil-knisja parrokkjali iżda jista' jkun hemm eċċezjonijiet.



***Għaliex Kappella taċ-Ċimiterju u mhux Knisja ?***

*Ikompli f'Ħarġa Nru 4*